**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' April 2001

Citazzjoni numru 2214/95 AJM

Kawza numru

Formosa & Camilleri Ltd, bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' M. Demajo (Woodworks) Limited u b'nota tad-19 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza agenti f'Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc.

Vs

Gollcher Company Limited, bhala agenti tas-socjeta' estera Grimaldi Compagnia Di Navigazione spa, armaturi tal-bastiment Republica di Pisa u tas-socjeta' estera Grandi Traghetti spa Di Navigazione, armaturi tal-bastiment Splendid u The Cargo Handling Co. Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta' Dicembru 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' M. Demajo (Woodworks) Limited importat mil Brazil, tlett containers tat-tip "flat rack" ta' ghoxrin (20) pid kull wiehed, kontenenti total ta' hamest elef mitejn u hamsin (5250) folja ta' virola plywood abjad li gew trasportati ghall-vjagg minn Paranagua (Brazil) ghal Genoa, Italia bil-bastiment Republica Di Pisa, u ghal vjagg minn Genoa ghal Malta bil-bastiment Splendid; illi wara li wasal il-vapur fit-18 ta' Dicembru 1994 u wara li mar jirtira l-merkanzija l-importatur sab li total ta' tlieta u disghin (93) folja kienu mxarbin u bil-hsara, kif jirrizulta mir-rapport tas-surveyor tal-Institute of London Underwriters; billi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghal hsara li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin lira erbghin centezimu (LM387.40) li minnhom sitta u hamsin lira (LM56) kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghal hsara fuq imsemmija u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabbilita' ghad-danni, baqghu inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-hsara fuq riferita;
2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija ghar-ragunijiet moghtija.

Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd presentata fis-6 ta' Frar 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi s-socjeta' konvenuta kkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat li rcievitha.
2. Illi ghandu jigi ezebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assikuratrici estera.
3. Illi ghandu jigi ezebiti c-cheque li bih sar il-pagament ta' LM387.40 lis-socjeta' M. Demajo Woodworks Ltd.
4. Illi s-survey fees mhux dovuti u l-imghax jiddekorri minn meta l-ammont jigi likwidat.
5. Illi l-konvenut mhux responsabbli ai termini ta' l-artikolu 70 tal-Port Regulations sub-inciz (3) u l-artikolu 90 tal-Port Regulations (Part VII) "wharehousing /goods stored in the open and deposited in the open always at the sole risk of the owner" u ghall-artikolu 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966 dwar pakki difettuzi u Artikolu 6 tal-Ports Ordinance.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Rat in-nota tas-socjeta' Gollcher Company Limited presentata fil-21 ta' Frar 1996 li permezz taghha eccepiet:-

1. Id-dekadenza mid-dritt ta' l-azzjoni ai termini tal-artikolu 17(2) tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fil-poloz ta' kariku relattivi.

2. L-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt li ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjetajiet esteri li garrew din il-merkanzija kkonsenjaw it-tlett containers in kwistjoni fl-istat li gew lilhom kkonsenjati tant li mal-wasla tal-istess f'Malta s-sigilli tal-container kienu intatti u di pju ma kien hemm erba rimarki ohra dwar il-merkanzija.
3. Illi kwalunkwe responsabbilita' li tista' tigi determinata fil-konfront ta' l-eccipjenti hija limitata ai termini tal-kondizzjonijiet tal-garr kif inkorporati fl-istess polza ta' kariku u fi kwalunkwe kaz ebda spejjes inkorsi in konnessjoni mas-survey ma jistghu jigu dovuti mill-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' Gollcher Company Limited.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' April 1996 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-6 ta' Mejju 1996 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-6 Mejju 1996 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta' lill-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet – liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fis-16 ta' Dicembru 1994 waslet Malta, fuq il-bastiment Splendid, konsenja ta' plywood ghas-socjeta' M.Demajo (Woodworks) Limited. Din il-merkanzija giet sbarkata jumejn wara, kif jirrizulta mit-tally li sar minn Martin Borg, impjegat mas-socjeta' Gollcher u persuna ohra in rappresentanza tal-Cargo Handling. Din il-merkanzija ddahlet fis-shed No 1 tas-socjeta' The Cargo Handling u fis-26 ta' Dicembru 1994 giet konsenjata lis-socjeta' importatrici wara li saru l-procedura kollha inkluza l-"Gate Pass Out".

Il-merkanzija li kienet ippakjata fi tlett rack containers, miksija bil-plastic u b'injam u marbuta bl-aljetti, giet imbarkata gewwa Paranagua, Brasil, fuq il-bastiment Republica Di Pisa u minn hemm telqet lejn Genoa l-Italia u hemm sar trasbord ghal fuq il-bastiment Splendid li finalment skarika l-merkanzija fil-Port tal-Belt. Meta l-merkanzija ittellat abbord fil-Brasil jidher li din kienet f'kundizzjoni talba tant hu hekk li l-istess Bill of Lading jiddikjara li l-container (ghax hekk jissejhu l-'flat rack containers') tela' "clean on Board". Meta l-merkanzija giet sbarkata fit-18 ta' Dicembru 1994 ma giex osservat li kien hemm ebda hsara jew perkolazzjoni ta' ilma li seta' ghamel hsara lill-plywood. Izda meta l-istess merkanzija, tmien tijiem wara, giet rilaxxata mil-compound tas-socjeta' The Cargo Handling, il-persuna li hadet pussess taghha rrimarkat fuq iz-zewg Gate Pass Out (fol 45 tal-process) li kien hemm "four bundles slightly wet" u "6 bundles partially wet."

Sussegwentement, wara d-debitu rapport lis-socjeta' assikuratrici, sar survey minn Martin Borg fl-imhazen tas-socjeta' M. Demajo (Woodworks) Ltd fejn gie konstatat li mill-konsenja kollha kien hemm xi 'sheets' tal-plywood, u cioe 93, li kienu danneggati bhala rizultat tal-ilma li kien dahal gewwa l-plastic sheeting li kien jkopri l-injam. Dan is-survey sar fuq perjodu ta' zmien billi sar ftehim li s-sheets difettuzi jigu mwarba hekk kif l-injam jibda jintuza u dan minhabba l-ammont kbir ta' injam importat. Il-valur tal-injam danneggat kien jammonta ghas-somma ta' LM331.40, liema somma eventwalment thallset mis-socjeta' attrici lill-assikurat taghha wara li ghamlet nefqa ta' LM56 sabiex sar is-survey.

Irrizulta li l-ilma li kien xarrab l-injam importat kien ilma helu u mhux ilma bahar, kif xhed l-istess Martin Borg li ikariga lill-Universita' ta' Malta sabiex taghmel it-testijiet necessarji. Irrizulta ukoll mix-xhud Francis Gauci, kap fl-Ufficcju Meteriologiku tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili li fil-perjodu meta l-merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling, fl-arja tal-Port il-Kbir kienet ghamlet xita mhux hazin "pero' mhux f'ammonti esageratament kbar".

Minn dan kollu jidher li l-hsara fil-merkanzija in kwistjoni grat waqt li dina kienet fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling li ghalhekk trid tirrispondi ghad-danni kagunati fiha u reklamati, filwaqt li s-socjetajiet, armaturi tal-bastimenti li garrew il-merkanzija lejn Malta, ma ghandha ebda responsabbilita'.

Illi dwar il-kwistjoni tat-talba ghar-risarciment tal-ispejjes ghas-survey fees inkorsi mis-socjeta' attrici jigi rilevat li din il-kawza qed issir mis-socjeta' Atlas Insurance qua surrogata tal-assikurat taghha. Issa

jidher (Dok F fol 12) li s-surroga hija limitata ghall-ammont ta' LM331.40 u cioe l-prezz tal-hsara fil-merkanzija u ma hemm ebda surroga ghall-ammonti tas-survey fees. Ghalhekk dan l-ammont ma jistax jigi kunsidrat mil-Qorti.

Ghar rigward tal-eccezzjoni dwar l-imghaxijiet jigi biss rilevat li l-ammont indikat fic-citazzjoni huwa wiehed determinat u ghalhekk hawn mhux si trattata ta' ammont "da liquidarsi". L-imghax ghalhekk jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kif mitlub.

Fl-ahharnett din il-Qorti tixtieq tattira l-attenzjoni tal-persuni li jittellaw bhala xhieda sabiex jivverifikaw l-fatti qabel ma jixhdu – specjalment meta dawn ix-xhieda jkunu membri tal-professjoni legali. Qed jinghad dan billi jidher car li x-xhieda a fol 111 tal-process u d-dokumenti ezebiti a fol 102 sa 110 huma ghal kollox irrilevanti u jappartjenu ghal xi "claim" iehor li jinvolvi s-socjeta' M. Demajo. Infatti l-isem tal-bastiment huwa Donna Maria u d-data tat-tally huwa 11 ta' Lulju 1995. Il-merkanzija in kwistjoni giet sbarkata aktar minn seba xhur qabel.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tiddikjara li s-socjetajiet rappresentati minn Gollcher Co. Ltd ma ghandhom ebda responsabbilita' fl-akkadut u ghalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd limitatament fis-somma ta' tlett mija wiehed u tlettin lira u erbghin centezimu (LM331.40) rappresentanti l-prezz tal-merkanzija danneggata u tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lill-attur nomine s-somma hekk dikjarata dovuta bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri